MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 37/2003/3

**Maria Theresa xebba Spiteri f'isimha proprju u ghan-nom ta' hutha msefrin Francis, Alessio, Josephine mart Nazzareno Galea, u Carmela mart Joseph Spiteri, ahwa Spiteri; u b'nota tat-28 ta' Dicembru 2010, Anthony Spiteri assuma l-atti tal-kawza minflok Maria Theresa Spiteri li tinsab temporanjament msiefra; Emanuel Spiteri, Anthony Spiteri, Paola xebba Spiteri, Mary Rose mart Alfred Carabott, u Eugenia mart Paul Galea, ahwa Spiteri lkoll ulied il-mejjet Paul Spiteri; u b'digriet tat-3 ta' Gunju 2010 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria Theresa Spiteri minflok Paola xebba Spiteri li mietet fil-mori tal-kawza; Antonia mart Victor Mercieca f'isimha proprju u ghan-nom ta' huha msiefer Carmelo Buttigieg; Rose xebba Buttigieg,**

**ahwa Buttigieg ulied il-mejta Concetta Buttigieg; Michael Buttigieg, u Josette mart Coronato Said, ahwa Buttigieg ulied il-mejjet Francis Buttigieg; Diana mart Paul Spiteri, Rose mart Alfred Mansueto f'isimha u ghan-nom ta' huha msiefer Joseph Sultana, ahwa Sultana lkoll ulied il-mejta Carmela Sultana; Mary, xebba, u Robert f'ismu proprju u ghan-nom ta' hutu msefrin Edward, Francis, Mario, Michelino sive Lino, Rosanne mart Eugene Teddy, ahwa Spiteri lkoll ulied il-mejjet Joseph Spiteri**

**v.**

**Carmelo u Josephine konjugi Cauchi**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew:

"Illi l-atturi Robert Spiteri flimkien ma' hutu Edward, Francis, Mario, Rosanne mart Eugene Teddy, Mary, xebba, u Lino, ahwa Spiteri, huma proprjetarji *pro indiviso* u fil-pussess ta' porzjon diviza numru wiehed (1) fuq l-annessa pjanta markata A, mill-ghalqa msejha "Tal-Palma" limiti Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tliet mija u sebghin metri kwadri (370 m.k.), u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Portelli, nofsinhar ma' Triq l-Imgarr, lvant ma' beni tal-eredi ta' John Cauchi fosthom il-konvenut Carmelo Cauchi, u punent mal-porzjon numru tnejn (2) deskritta hawn taht;

"Illi l-tturi Antonia mart Victor Mercieca, Carmelo Buttigieg, Rosa xebba Buttigieg, Michael Buttigieg, u Josette Said, huma proprjetarji *pro indiviso* u fil-pussess ta' porzjon diviza numru tnejn (2) fuq l-annessa pjanta markata A, mill-ghalqa msejha "Tal-Palma" limiti Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tliet mija u sebghin metri kwadri (370m.k.), u konfinanti mit-tramunata ma' beni ta' Joseph Portelli, nofsinhar ma' Triq l-Imgarr, lvant mal-porzjon fuq deskritta, u punent mal-porzjoni numru tlieta (3) hawn taht deskritta;

"Illi l-atturi Maria Theresa Spiteri flimkien ma'hutha Francis, Alessio, Josephine mart Nazzareno Galea, Carmela mart Joseph Spiteri, Emanuel, Anthony, Paola,

Mary Rose mart Alfred Carabott, u Eugenio mart Paul Galea, huma proprjetarji *pro indiviso* u fil-pussess ta' porzjon diviza numru tlieta (3) fuq l-annessa pjanta markata A, mill-ghalqa msejha "Tal-Palma" limiti Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tliet mija u sebghin metri kwadri (370 m.k.), u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Portelli, nofsinhar ma' Triq l-Imgarr, lvant mal-porzjoni numru tnejn (2) fuq deskritta u punent mal-porzjoni numru erbgha (4) hawn taht deskritta;

"Illi l-attur Diana mart Paul Spiteri, Rose mart Alfred Mansueto u Joseph Sultana, huma proprjetarji *pro indiviso* u fil-pussess ta' porzjon diviza numru erbgha (4) fuq l-annessa pjanta markata A, mill-ghalqa msejha "Tal-Palma" limiti Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tliet mija u sebghin metri kwadri (370m.k.), u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Portelli, nofsinhar ma' Triq l-Imgarr, lvant mal-porzjoni numru tlieta (3) fuq deskritta, u punent ma' beni ta' John Baptist Tabone;

"Illi l-erba' porzjonijiet hawn fuq deskritti originarjament kienu jikkonsisti f'ghalqa wahda li kienet tappartjeni u pposseduta minn Francesco u Rosa gia konjugi Spiteri li mietu rispettivament fl-erbgha (4) ta' Ottubru elf disa' mija u disgha u erbghin (1949) u fid-disgha (9) ta' Ottubru elf disa' mija u sitta u sebghin (1976), u wirtuhom uliedhom Joseph Spiteri, missier l-atturi Robert Spiteri flimkien ma' hutu Edward, Francis, Mario, Rosanne mart Eugene Teddy, Mary, xebba, u Michael, ahwa Spiteri; Concetta Buttigieg, omm l-atturi Antonia mart Victor Mercieca, Carmelo Buttigieg, u Rosa xebba Buttigieg, u n-nanna tal-atturi Michael Buttigieg, u Josette Said; Paul Spiteri missier l-atturi Maria Theresa Spiteri flimkien ma' hutha Francis, Alessio, Josephine mart Nazzareno Galea, Carmela mart Joseph Spiteri, Emanuel, Anthony, Paola, Mary rose mart Alfred Carabott, u Eugenia mart Paul Galea; u Carmela Sultana, omm l-atturi diana mart Paul Spiteri, rose mart Alfred Mansueto, u Joseph Sultana, li giet diviza fl-erbgha porzjonijiet fuq deskritti u assenjata bejn l-erbat ahwa ulied il-mejtin francesco u Rosa Spiteri b'kuntratt ta' divizjoni li sar fl-atti tan-nutar Dottor Joseph

Spiteri tat-tlieta (3) ta' Gunju elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988);

"Illi ricentement, u cioe' fit-22 ta' Novembru 2002, u wara fid-29 ta' Jannar 2003, il-konvenuti konjugi Cauchi b'diversi atti kommessi minnhom immolestaw lill-tturi fil-pussess tal-art fuq deskritta billi dahhlu fl-istess raba' u hadmu dan ir-raba u nehhew ukoll il-qsami li kienu saru meta l-atturi kienu qassmu l-proprjeta' bil-kuntratt ta' divizjoni tat-3 ta' Gunju, 1988, fuq imsemmi, kif ukoll ghalqu l-entratura tal-atturi bil-gebel;

"Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati u sarulhom ukoll rapporti mal-pulizija Ezekuttiva sabiex jiddesistu mill-atti ta' molestja fil-konfront tal-atturi, huma baqghu inadempjenti.

"Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi intom konvenuti bl-agir taghkom ikkommettejtu molestja tal-pussess a dannu u bi pregudizzju tal-atturi meta abbuzivament dhaltu u hdimtu r-rabga' fuq deskritt li tinsab validament fil-pussess tal-atturi u nehhejtu wkoll il-qsami li kien hemm jiddividu l-erba' porzjonijiet fuq deskritti minn xulxin, u ghalaqtu wkoll l-entratura tal-atturi bil-gebel;

"2. Konsegwentement tikkundannakom sabiex tirripristinaw lill-atturi fil-pussess ta' hwejjighom billi tigu ordnati tiddesistu milli tibqghu tidhlu f'dan ir-raba u thalluh a libera dispozizzjoni tal-atturi, u li treggghu kollox kif kien ghall-istat qabel ma dhaltu l-ewwel darba fit-22 ta' Novembru, 2002.

"Bl-ispejjez inkluzi tal-mandat ta' inibizzjoni numru 10/2003, li l-atturi kienu kostretti li jintavolaw kontra l-konvenuti wara li kienu regghu dahlu fid-29 ta' Jannar, 2003.

"Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsabu mharrkin."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

“1. Illi preliminarjament jirrizulta mid-dikjarazzjoni tal-fatti li l-azzjoni odjerna ma tikkoncernax allegat pussess indiviz, izda tikkoncerna l-allegat pussess ta’ diversi bicciet ta’ art divizi bejn xulxin u deskritti bhala porzjonijiet wiehed (1) sa erbgha (4); tigi eccepita ghaldaqstant in-nullita’ tac-citazzjoni attrici in kwantu l-prova li jridu jaghmlu l-atturi dwar kull porzjon art, sija dwar l-allegat pussess u sija dwar l-allegata molestja, hija distinta u separata u li ghaldaqstant kellha tkun l-oggett ta’ azzjoni individwali;

“2. Illi preliminarjament ukoll, l-*actio manutentionis* hija disponibbli biss ghall-pussessur li jigi molestat fil-pussess tieghu izda jibqa’ fil-pussess u jitlob li jigi mantnut u protett fil-pussess tieghu; hija ghaldaqstant insostenibbli talba ghar-ripristinu fil-pussess fil-kuntest ta’ *actio manutentionis,* u huwa inkonciljabbli ma’ xulxin talba ghal dikjarazzjoni ta’ molestja fil-pussess u talba gha-ripristinu fil-pussess;

“3. Illi fil-kaz odjern, l-atturi u/jew l-awturi taghhom kellhom titolu ta’ qbiela fuq l-artijiet *de quo* minghand l-awturi tal-konvenut, ghal liema qbiela kienu rrinunzjaw volontarjament, b’mod illi llum il-gurnata ma jistghu jivvantaw l-ebda tip ta’ pussess;

“4. Illi l-konvenut beda jahdem l-artijiet *de quo* f’Novembru 2003 ghan-nom tieghu u ta’ hutu u jinsab fil-pussess pjen taghha, stante li qieghed jokkupaha *animo domini,* zeraghha u qieghed jikkoltivaha, u ghalaq kull access ghall-pubbliku, u ghalhekk hija insostenibbli fil-konfront tieghu l-*actio manutentionis* jew kwalsiasi azzjoni ohra pussessorja, u l-uniku rimedju li jista’ talvolta jkollhom l-atturi jekk qeghdin jivvantaw titolu legali huwa fil-petitorja;

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.”

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali moghtija fis-17 ta' Gunju 2011 li permezz taghha laqghet it-talbiet attrici wara li cahdet l-eccezzonijiet tal-konvenuti; u dik tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' April 2012 li kkonfermat l-istess sentenza;

Rat ir-rikors tal-konvenuti ritrattandi tad-29 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu talbu illi din il-Qorti thassar din is-sentenza u tordna s-smigh mill-gdid taghha a bazi tal-Artikolu 811 (e) (i) u (l) tal-Kap. 12;
Rat ir-risposta tal-atturi ritrattati tal-20 ta' Gunju 2012 li permezz taghha qalu li din it-talba ghandha tigi michuda u talbu wkoll il-komminazzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 223 (4) tal-Kap. 12;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April 2013 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw.

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal kawza huma ampjament spjegati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li allura din il-Qorti se tirriproduci fl-intier taghha anke ghal ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri:

"1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn żewġ sentenzi, mogħtija waħda fis-26 ta' Ottubru 2004 ["l-Ewwel Sentenza"] u l-oħra fis-17 ta' Ġunju 2011 ["is-Sentenza Finali"], mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, li bihom ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u ntlaqgħu t-talbiet tal-atturi f'*actio manutentionis*.

"2. L-atturi, wara li fissru illi għandhom il-pussess ta' ishma maqsuma ta' raba' u illi l-konvenuti immolestawhom f'dan il-pussess b'atti magħmula anqas minn sena qabel ma nfetħet il-kawża, talbu illi l-qorti:

"i. tgħid illi l-konvenuti b'għemilhom immolestawhom fil-pussess meta daħlu fir-raba', ħadmuh, neħħew il-qsami u għalqu d-daħla tal-atturi bil-ġebel; u

"ii. tikkundanna lill-konvenuti sabiex iroddu lill-atturi l-pussess ta' ħwejjiġhom billi jinżammu milli jkomplu jidħlu fir-raba', iħalluh ħieles għall-atturi u jreġġgħu kollox kif kien qabel ma daħlu fir-raba' l-ewwel darba.

"3. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

"i. preliminarjament, l-*actio manutentionis* jista' jinqeda biha biss il-pussessur li jiġi molestat fil-pussess tiegħu iżda jibqa' fil-pussess li jitlob li jiġi mantnut u protett; ma tistax għalhekk tintlaqa' talba għar-radd lura tal-pussess;
"ii. l-atturi jew l-awturi tagħhom kellhom titolu ta' qbiela fuq ir-raba' mingħand l-awturi tal-konvenut, iżda kienu irrinunzjaw minjeddhom għall-qbiela u għalhekk illum ma għandhom ebda tip ta' pussess;

"iii. il-konvenut beda jaħdem ir-raba' f'Novembru 2003 u llum għandu l-pussess tagħha *animo domini*; għalhekk ma tistax tirnexxi l-*actio manutentionis* jew kull azzjoni pussessorja oħra, u l-atturi jistgħu jinqdew biss b'azzjoni petitorja;

"iv. l-azzjoni waqgħet bi "preskrizzjoni" taħt l-art. 534 tal-Kodiċi Ċivili.

"4. Bl-Ewwel Sentenza l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari (u eċċezzjoni oħra li minnha ma sarx appell) għal raġunijiet li fissrithom hekk:

""… … … il-konvenuti qed jikkontendu illi l-*actio manutensionis* m'hijiex ammissibbli għall-każijiet fejn l-attur ikun qiegħed jitlob li jiġi repristinat fil-pussess. Huwa minnu illi dan huwa proprju dak illi qed jitolbu l-atturi fit-tieni talba tagħhom. … … … Huwa evidenti … illi anke f'kawża bħal dik ittentata mill-atturi, it-talba għar-reintegrazzjoni fl-istat oriġinali hija permessa, anzi … xi

kultant anke indispensabbli biex l-attur jerġa' jiġi fit-tgawdija li kien fiha oriġinarjament."

"5. Fis-Sentenza Finali mbagħad l-ewwel qorti sabet illi hemm l-elementi kollha biex tirnexxi l-azzjoni – il-pussess ta' immobbli, il-molestja u l-azzjoni mibdija fi żmien sena mill-molestja – u għalhekk ċaħdet l-eċċezzjonijiet fil-meritu u laqgħet it-talbiet tal-atturi.

"6. Il-konvenuti appellaw minn dawn iż-żewġ sentenzi, iżda qabel ma tqis il-meritu tal-appell il-qorti sejra tqis il-kwistjoni mqanqla mill-konvenuti waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 meta osservaw illi "l-iżball fl-okkju [tas-sentenza] jġib … l-annullament tas-sentenza". L-"iżball" imsemmi mill-konvenuti sar għax waqt is-smigħ tal-kawża saret assunzjoni tal-atti f'isem parti li siefret u saret ukoll trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem parti oħra li mietet, u l-annotazzjonijiet relativi ma nġibux fl-okkju.

"7. Il-materja hija regolata bl-art. 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

"" **790.** Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq."

"8. In-nuqqas fl-okkju ma huwa ebda wieħed min-nuqqasijiet imsemmija f'dan l-artikolu u ma ippreġudika b'ebda mod il-jedd għal smigħ xieraq billi l-partijiet kollha huma notifikati u ma sar xejn minn wara daharhom. Fadal biss li naraw jekk is-sentenza hijiex "ġusta fis-sustanza tagħha", u dan inkunu nafuh wara li nqisu l-meritu tal-appell.

"9. Ngħaddu għalhekk biex inqisu l-appell tal-konvenuti fil-meritu.

"10. L-aggravju tal-konvenuti kontra l-Ewwel Sentenza safejn ċaħdet l-eċċezzjoni dwar il-leġittimazzjoni tal-atturi biex imexxu l-azzjoni ta' manutenzjoni huwa mfisser hekk:

""… … … l-appellanti kienu ikkontendew illi l-*actio manutentionis* m'hijiex ammissibbli għall-każijiet fejn l-attur ikun qiegħed jitlob li jiġi repristinat fil-pussess. Fil-fatt l-ewwel qorti stess tgħid fis-sentenza parzjali tagħha "Huwa minnu illi dan huwa proprju dak illi qed jitolbu l-atturi fit-tieni talba taghhom", iżda minkejja dan ċaħdet xorta waħda l-eċċezzjoni tal-appellanti.

"L-*actio manutentionis* hija disponibbli biss għall-pussessur li jiġi molestat fil-pussess tiegħu iżda jibqa' fil-pussess u jitlob li jiġi mantnut u protess fil-pussess tiegħu; hija għaldaqstant insostenibbli talba għar-ripristinu fil-pussess fil-kuntest ta' *actio manutentionis* billi talba għal dikjarazzjoni ta' molestja fil-pussess u talba għar-ripristinu fil-pussess huma inkonċiljabbli ma' xulxin.

"… … … l-appellanti jidhrilhom illi billi l-atturi permezz tat-tieni talba tagħhom talbu li [l-konvenuti] jiġu kundannati jirripristinaw lill-atturi fil-pussess ta' ħwejjiġhom huma *se mai* messhom eżerċitaw l-*actio spolii* billi l-*actio manutentionis* hija intiża biex twaqqaf il-molestji li tkun qiegħda tagħmel parti oħra iżda żgur mhux biex tirreintegra l-pussess billi hi immirata biex tassikura l-godiment paċifiku tal-pussess u biex tinibixxi kull att li jittraduċi ruħu f'ostakolu għall-iżvolġiment tal-eżerċizzju tad-dritt sostantiv tal-pussess li jirrendiha azzjoni konservattiva tal-pussess u immirata għaċ-ċessazzjoni tal-molestja … … …"

"11. Tassew illi l-azzjoni ta' manutenzjoni tingħata biss lil min għandu l-pussess, ta' liema xorta jkun, u għalhekk min tilef il-pussess ma għandux leġitimazzjoni attiva għal din l-azzjoni. Min iżda jitneżża' materjalment mill-pussess ma jitlifx il-pussess legali minnufih għax iżomm il-pussess *solo animo* għal sena. Fil-fatt, id-dottrina kontinentali tislet l-argument illi *possessio animo retinetur* mill-art. 2243 tal-

Kodiċi Ċivili franċiż dwar il-ksur tal-preskrizzjoni akkwiżittiva minħabba telfien tal-pussess:

““ **2243.** Vi ha interruzione naturale quando il possessore è privato, per più di un anno, del godimento della cosa, sia dall’antico proprietario, sia da un terzo.”

“12. Dan jikkorrespondi mal-art. 2124 tal-Kodiċi Ċivili taljan tal-1865:

““ **2124.** È interrotta naturalmente, quando il possessore viene privato per più d’un anno del godimento della cosa.”

“13. Jikkorrespondi wkoll mal-art. 2127 tal-Kodiċi Ċivili tagħna:
**““ 2127.** Il-preskrizzjoni tinkiser meta l-pussessur jiġi mneħħi, għal iżjed minn sena, mit-tgawdija tal-ħaġa, sew jekk mis-sid sew jekk minn ħaddieħor.”

“14. Baudry-Lacantinerie u Tissier ifissru kif, b’applikazzjoni ta’ dawn l-artikoli, il-pussess jitqies miżmum għal sena, għalkemm ikun intilef materjalment:

““La perdita del possesso può essere forzata. La regola si applica in modo diverso a seconda che si tratta di un immobile o di una cosa mobile. Per gli immobili la perdita del possesso suppone che un terzo abbia acquistato il possesso, o che la cosa non sia più suscettibile di possesso. Così un terzo si impadronisce della nostra cosa a nostra insaputa oppure ne espelle colui che la occupava in nostro nome, o ci impedisce di entrarvi; il nostro possesso è perduto se non giungiamo a farcelo restituire mediante l’azione possessoria: questa azione può essere esercitata durante un anno; ne risulta che il possesso non è definitivamente perduto se non quando l’occupazione della cosa è durata più di un anno (articolo 2243) [Cod. civ. it. art. 2124].[1]”

---

1 *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile*, Vol. XXVIII – *Della Prescrizione*, §233 *b*.

"15. Il-pussess jitqies mhux miksur bħala konsegwenza tal-fatt illi, sakemm tgħaddi s-sena, il-pussessur jista' jikseb lura l-pussess, mhux bl-*actio spolii*, li tista' ssir biss fi żmien xahrejn, iżda appuntu bl-*actio manutentionis*. Huwa għalhekk illi, sa żmien sena, l-pussessur jitqies li għadu pussessur – u li l-pussess tiegħu jibqa' mhux interrott – b'mod li jibqa' leġittimat biex imexxi bl-azzjoni ta' manutenzjoni. Li kieku l-pussessur ma jkollux dan ir-rimedju sa żmien sena – kif qegħdin jippretendu l-konvenuti – l-art. 2127 jiġi stultifikat, għax il-pussessur ma jkun jista' jinqeda b'ebda rimedju biex jikseb lura l-pussess f'dik is-sena li matulha jitqies li għadu mhux miksur il-pussess. Jekk ma jinqediex bl-*actio spolii* fi żmien xahrejn, ma jkunx jista' jinqeda lanqas bl-*actio rei vindicatoria* fl-għaxar xhur li jkun fadal mis-sena għax ikun għadu ma sarx sid billi l-użukapjoni tkun għadha għaddejja. Mela tifdallu biss l-*actio manutentionis* li mingħajrha l-art. 2127 ikun sar għalxejn.

"16. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

"17. It-tieni agravju jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' "preskrizzjoni" taħt l-art. 534 tal-Kodiċi Ċivili. Din il-preskrizzjoni, jew, aħjar, dekadenza, hija dik ta' sena li tolqot l-azzjoni ta' manutenzjoni, u l-ewwel qorti kienet immotivat id-deċiżjoni tagħha hekk:

""Fiċ-ċitazzjoni tagħhom l-atturi jgħidu li l-azzjonijiet lamentati seħħew f'Novembru 2002 u reġgħu rrepetew ruħhom f'Jannar sussegwenti. Kif ġà rajna l-konvenut qal f'iżjed minn okkażjoni waħda li huwa daħal fl-għalqa *de quo* biex jagħmel il-ħwejjeġ indikati mill-atturi f'Novembru 2002. Il-kawża preżenti ġiet intavolta fis-7 ta' April 2003 u għalhekk *entro* t-terminu ta' sena konċess mil-liġi. In sostenn ta' din l-eċċezzjoni tiegħu l-konvenut ressaq żewġ xhieda biex igħidu li kienu xtraw siġra tal-palm u xi kanali tal-ilma li allegatament kienu jinsabu fl-għalqa in kwistjoni, u dan snin qabel ma ġiet istitwita l-kawża preżenti. Dan kollu ma jneħħi xejn però mill-fatt li sakemm il-konvenut daħal u għamel il-ħwejjeġ lamentati mill-atturi, din l-għalqa kienet għadha fil-pussess tagħhom u kienet qed tiġi regolarment ikkultivata minnhom, tant li l-atturi bilkemm

laħqu qalgħu l-patata li kellhom miżrugħa hemmhekk, li l-attur [*recte*, il-konvenut] ma daħalx biex jagħmel l-atti indikati.”

“18. Il-konvenuti jgħidu illi d-*dies a quo* għall-għanijet tad-dekadenza hija meta jseħħ l-ewwel att ta’ molestja u mhux meta sseħħ l-aħħar molestja, u jkomplu jfissru, b’referenza għax-xiehda, meta seħħew atti oħra ta’ molestja qabel dak ta’ Novembru 2002 imsemmi mill-ewwel qorti.

“19. L-asserzjoni tal-konvenuti illi ż-żmien ta’ dekadenza jibda jgħaddi mill-ewwel att ta’ molestja – bħallikieku min darba kien molestat fil-pussess u ma jmexxix fi żmien sena minn dik l-ewwel molestja jitlef għal dejjem u *ad æternum* il-jedd ta’ azzjoni – hija ħażina. Li jitlef wara sena huwa l-jedd ta’ azzjoni dwar dik il-molestja iżda – sakemm ma jkunx tilef il-pussess – jekk issir molestja oħra jkun jista’ jmexxi dwar dik l-aħħar molestja. Naturalment, jekk il-molestja tneħħgħu għalkollox mill-pussess, il-pussessur irid bilfors imexxi fi żmien sena minn dik il-molestja, għax inkella ma jibqax pussessur u, la ma jibqax pussessur, ma jistax wara li tgħaddi dik is-sena jkun vittma ta’ molestja ta’ pussess li ma għandux. Iżda jekk il-pussessur, għalkemm molestat, għar-raġunijiet tiegħu ma jmexxix fi żmien dik il-molestja, ma jfissirx b’hekk illi ma għandux tutela ġudizzjarja kontra atti ta’ molestja li jsiru wara.

“20. Għalkemm hemm konflitt ta’ xiehda dwar jekk, wara l-ewwel atti ta’ molestja, l-atturi żammewx il-pussess, l-ewwel qorti, wara li qieset sew ix-xiehda, kienet tal-fehma illi kien biss f’Novembru tal-2002 illi l-atturi tneħħgħu għalkollox mill-pussess. Din il-konklużjoni ta’ fatt hija kompatibbli max-xiehda fil-proċess u ma hemm xejn irraġonevoli fiha. Din il-qorti ma hijiex sodisfatta illi ntwerew raġunijiet biżżejjed gravi biex ma taqbilx ma’ din il-konklużjoni ta’ fatt li waslet għaliha l-ewwel qorti, li wara kollox hija msejsa wkoll fuq konsiderazzjonijiet ta’ kredibilità ta’ xhieda li l-ewwel qorti għamlet wara li kellha l-okkażjoni tisma’ lix-xhieda *viva voce*.

"21. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

"22. Fit-tielet aggravju l-atturi jgħidu illi l-ewwel qorti "naqset milli tagħmel apprezzament tajjeb tal-elementi tal-*actio manutentionis*, u *cioè* l-pussess u l-molestja". Essenzjalment, dan l-aggravju huwa bħal dak ta' qablu għax imsejjes fuq l-argument illi l-pussess ilu żmien vestit fil-konvenuti u mhux fl-atturi, u illi l-atti ta' molestja li seħħew qabel dak ta' Novembru 2002 ma kienu atti ta' molestja xejn iżda atti ta' pussess mill-konvenuti fi ħwejjiġhom stess.

"23. Tassew illi, kif ġà osservat din il-qorti, hemm konflitt ta' xiehda dwar dawn l-atti ta' pussess jew ta' molestja u wkoll dwar l-art fejn seħħew xi wħud minn dawn l-atti billi l-atturi ma humiex qegħdin jikkontestaw illi hemm art oħra li qiegħda f'idejn il-konvenuti – u li darba kienet imqabbla għandhom – illi iżda ma hijiex l-art li dwarha saret il-kawża tallum.

"24. Din il-qorti terġa' tgħid illi ma ssib xejn irraġonevoli, kontradittorju jew manifestament żbaljat fil-konklużjonijiet li waslet għalihom l-ewwel qorti. Il-konvenuti naturalment ma jaqblux mal-interpretazzjonijiet tal-fatti li għamlet l-ewwel qorti, u dwar il-valutazzjonijiet li għamlet dwar liema xiehda għandha toqgħod fuqha. L-ewwel qorti, wara li għamlet dan l-eżerċizzju, sabet illi l-pussess tar-raba' kien f'idejn l-atturi sakemm il-konvenuti f'Novembru tal-2002 neżżgħuhom minn dak il-pussess u din il-qorti ma tarax illi hemm raġunijiet tajbin għala għandha taqleb din id-deċiżjoni tal-ewwel qorti.

"25. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

"26. L-aħħar aggravju jolqot l-ispejjeż, għax il-konvenuti "jħossu li huma ma għandhomx jiġu kundannati jħallsu l-ispejjeż tenut kont li huma kienu għal kollox ġo ħwejjiġhom u darba fost oħrajn marru l-atturi u daħlu fir-raba' li dejjem kien fil-pussess tagħhom".

"27. L-istqarrija li r-raba' "dejjem kien fil-pussess" tal-konvenuti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula fuq

dwar l-aggravji l-oħra tal-konvenuti, hija għal kollox gratuwita u inkompatibbli mal-konklużjonijiet li waslet għalihom l-ewwel qorti u li taqbel magħhom din il-qorti wkoll.

"28. Dawn il-konsiderazzjonijiet juru wkoll illi s-sentenza hija "ġusta fis-sustanza tagħha għall-għanijiet tal-art. 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għalhekk l-eċċezzjoni ta' nullità minħabba nuqqas fl-okkju tas-sentenza appellata għandha tiġi wkoll miċħuda[2].

"29. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma f'kollox is-sentenzi appellati, u tiċħad ukoll l-eċċezzjoni ta'nullità minħabba nuqqas fl-okkju tas-sentenza, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti."

Il-Qorti ghalhekk trid tinvestiga l-ewwel jekk tiskontrax li kien hemm zball li kien determinanti ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ai termini tal-Artikolu 811 (e) (i) u (l) tal-Kodici tal-Procedura Civili fuq imsemmi. Dawn is-sub-incizi jippermettu li kawza terga tinstema' mill-gdid jekk:

*"(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;*
*"għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li ddeċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;*

*"– Omissis –*

*"(i) jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin;*

*"– Omissis –*

*"(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*

---

2 Ara para. 8, *supra*.

*"... ... jitqies li jkun hemm dak l-izball fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jkunx jezisti xi fatt li l-verita' tieghu tkun stabbilita posittivament basta li, fil-kaz wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx fatt kontestat li gie deciz bis-sentenza."*

Qabel xejn tajjeb wiehed ifakkar illi:

*"Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straoordinarja, lumeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoi strettissima. Diversament taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista jerga jiftah il-kawza u b' hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza*.... *Zball ta' fatt ma javverax ruhu semplicement ghaliex il-Qorti tkun intepretat il-fatt tal-kawza erronjament; ghax mhux mottiv ta' ritrattazjoni l-izball li jimmanifesta ruhu, jew li wiehed jahseb li jkun jezisti, fil-kriterji jew karattri li bihom ikun miftiehem mill-gudikant; ghax l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti jikkostitwixxu l-konvinciment insindikabbli tal-gudikant*." (**Rev. Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aqiulina, Appell Civili, 18 ta' April 1958**).

Din il-Qorti, fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Austin Bencini nomine v. Dottor Remigio Zammit Pace nomine** deciza fl-20 ta' Frar 1996 qalet fost affarijiet ohra;

*"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju straordinarju in kwantu jikkstitwixxi deroga ghall principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan independentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massina* ***res judicata pro veritate habetur****. F' dan il-kuntest tista ssir riferenza ghas-sentenza riportata fil-* ***Kollezzjoni Volum XXV-I-137*** *fejn tant tajjeb gie sottolinejat li r-rimedju tar-ritrattazjoni;*

*“Non si da’ per qualunque caso di vera o supposta ingustizia, di vero i supposto errore di fatto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dala legge dovendo in ogni caso prevalere la stabbilita’ dell’ giudicato che sola puo mettere fine alle liti, poiche’ l’ autorita’ della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile*.

*“Minn dan.. titnissel il-konsegwenza logika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta’ interpretazzjoni strettissima **(Vol. XXVII-I-818**). Diversament taht il-pretest ta’ ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jista jiftah il-kawza u b’ hekk indirettament johloq ghalih tribuna tat-tielet istanza, (**Vol. XLII-I-227**) li mhix permessa mill-ligi*.”

**Il-lanjanza principali tal-konvenuti** (kif anke qalet l-abbli difensur taghhom fit-trattazzjoni taghha) tirrigwardha s-sub-inciz (e) billi qed jargumentaw illi l-Qorti tal-Appell fi kliem ir-rikors relattiv ‘*applikat il-ligi hazin stante li l-istess sentenza applikat il-kuncett ta’ preskrizzjoni u dekadenza meta l-actio manutentions titkellem dwar preskrizzjoni u mhux dekadenza’.* Ghalhekk skont il-konvenuti, is-sena zmien biex l-azzjoni tigi estinta kellu jibda ghaddej minn meta intemmet il-molestja u mhux minn meta bdiet; li l-Qorti investigat il-pussess u mhux il-molestja u li kwindi rriteniet li l-pussessur izomm il-pussess *‘solo animo’* ghal sena meta jitlef il-pussess materjali.

Il-Qrati taghna ghamluha cara illi:

*“Ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-mottiv jekk fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw pruvati ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tallligi flok ohra li kellha tigi propjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-igi korretta ghall fatti tal-kaz xorta ma jkunx hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq il-mottiv tas-sub inciz (e)....”*

(**Reginald Micallef v. Godwin Abela, Qorti tal-Appell 3 ta’ Gunju 1994).**

Huwa car anke '*ictu oculi'* li dak li qed jattakaw il-konvenuti hija l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell ghal perjodu ta' sena indikat mill-Artikolu 534 li jghid illi:

*"Kull min ikun jinstab fil-pussess ta' liema xorta jkun, ta' haga immobbli jew ta' universalita ta' hwejjeg mobbli, jista, fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f' dak il-pussess basta li ma jkuux ha b'idejh il-pussess minghnd il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b' titolu prekarju."*

Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Micallef v. George Pavia** (13 ta' Gunju 1995), *"biex jigi deciz jekk kienx hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi wiehed ma jistax jesamina mill-gdid il-fatti tal-kawza jew jerga jinterpretahom."*

Il-Qorti interpetat it-terminu ta' sena indikat mill-Artikolu 534 bhala wiehed ta' dekadenza u ma tispettax lil din il-Qorti, fuq talba ghal ritrattazzjoni, li terga' tinterpreta dak l-artikolu.

Ma hemmx dubbju li l-Qorti applikat **il-ligi** li kellha tapplika fil-kaz inkwistjoni u allura f'dan ir-rigward it-talba tar-rittrattandi ma tistax tigi milqugha**.**

**It-tieni raguni** ghat-thassir tas-sentenza li qed jipproponu r-ritrattandi huwa li s-sentenza inkwistjoni ghanda dispozizzjonijiet kontra xulxin (Artikolu 811 (i)). Hafna mill-argumenti li ssemmew fir-rigward tal-ewwel lanjanza japplikaw anke f'dan ir-rigward; fil-fatt ir-rikors stess jaghmel referenza ghal dak li ssemma qabel. Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Rita Hicklin v. Loreto Agius** (14 ta' Novembru 1997):

*"is-sub inciz (i) al-artiklu 811 jipprovdi ghas-smiegh mill-gdid jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin. Gie ritenut fil-gurisprudenza lli dawn il-kontradizzjonijiet iridu jirrizultaw fil-parti disposittiva taghha u mhux fil-motivazzjoni."*

F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **Giuseppe Luigi Bonnici v. Carlo Galea Naudi (Vil XXV-I-137) u Paolo Borg v. Salvu Spiteri (Appell 19 ta’ Ottubru 2004).**

Il-Qorti ma tara assolutament xejn kontradittorju fil-parti dispozittiva tas-sentenza u ghalhekk anke f’dan ir-rigward it-talba ghat-thassir u smigh mill-gdid hija michuda.

**It-tielet lanjanza** ssegwi l-ewwel wahda ghaliex skont ir-ritrattandi, is-sentenza ttakkata kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Anke hawn, il-Qorti ma tirriskontra ebda zball fis-sentenza u l-ilment tal-konvenuti jibqa ccentrat fuq l-interpretazzjoni li tat il-Qorti kif gia` ssemma.

Bizzejjed wiehed jiccita lil **Mortara** (Vol. IC p. 404) f’dan is-sens:

*““l’ errore i fatto e’ un vero errore dei sensi, il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste od ha fondato la sua convinzione sul presupposto della inesisteza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell’ intelletto sulle carte del processo.”*

Ghalhekk it-talba tar-rittrattandi fuq dan is-sub-inciz hija wkoll michuda.
**Il-Qorti taqbel mal-atturi li ghandha tigi applikata d-disposizzjoni kontenuti fl-Artikolu 223 (4) tal-Kap. 12 peress li thoss li din it-talba ghal ritrattazzjoni hija assolutament vessatorja u intiza biss biex ittawwal il-proceduri.**

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti qed tichad it-talba tal-konvenuti rittrattandi ghat-thassir tas-sentenza moghtija minnha fis-17 ta’ Gunju 2012, bl-ispejjez kollha jithallsu minnhom stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------